Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/2028(DEC)

10.2.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, Taqsima IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
(2024/2028(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-baġit operattiv tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) għall-2023 kien jammonta għal EUR 22 711 559 u li, meta mqabbel mal-baġit finali għall-2022, il-baġit operattiv żdied bi 12 %; jilqa' l-fatt li, fl-2023, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn mill-EDPS kienet ta' 96 %;
2. Jinnota ż-żieda fl-għadd ta' konsultazzjonijiet leġiżlattivi mill-EDPS, li wasslet għal 82 konsultazzjoni leġiżlattiva formali, 54 opinjoni u 26 kumment formali; japprezza l-kontribut tal-EDPS fix-xogħol leġiżlattiv, inkluż f'kooperazzjoni mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data; jenfasizza wkoll ir-rwol akbar tal-EDPS f'diversi atti leġiżlattivi ġodda, inkluż l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, li skontu l-EDPS isir l-awtorità kompetenti għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-uffiċċji u l-korpi tal-Unjoni, fejn aktar kompiti ġew iddelegati lill-EDPS; jenfasizza li dawn ir-responsabbiltajiet addizzjonali, delegati mill-koleġiżlaturi, jirrikjedu riżorsi adegwati biex jiġi żgurat li l-EDPS ikun jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu b'mod effettiv;
3. Jenfasizza r-rwol tal-EDPS fis-superviżjoni tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni; jinnota bi tħassib it-tul tal-proċedimenti quddiem l-EDPS, peress li l-EDPS ma għalaqx investigazzjoni waħda fl-2023, iżda meta mqabbel mas-sena preċedenti, fl-2023, l-għadd ta' notifiki lil hinn mit-72 siegħa naqas b'mod sinifikanti;
4. Jilqa' l-enfasi tal-EDPS li jiżgura li l-kuntratturi esterni jissodisfaw l-istandards morali u etiċi meħtieġa li huma mistennija mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li preċedentement l-EDPS għamel użu minn kumpaniji esterni li, skont il-klassifikazzjoni tal-Università ta' Yale, għadhom joperaw fir-Russja; japprezza li l-EDPS juża indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex jimmonitorja l-prestazzjoni tiegħu fid-dawl tal-objettivi ewlenin stabbiliti fl-Istrateġija tal-EDPS, u dan jikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-adattabbiltà għall-attivitajiet meta meħtieġ u biex jiżdied l-użu effettiv jew ir-riżorsi;
5. Jesprimi tħassib dwar iż-żieda sinifikanti fl-ispejjeż tal-missjonijiet tal-persunal tal-EDPS, minn EUR 28 789 fl-2021 u EUR 176 903 fl-2022, għal EUR 284 580 fl-2023; jistieden lill-EDPS jivvaluta jekk ir-riżorsi minfuqa fuq il-missjonijiet humiex qed jintużaw b'mod xieraq u effettiv; jinnota li l-EDPS ma baqax jippubblika l-għadd ta' missjonijiet iffinanzjati mill-organizzaturi, kif ukoll informazzjoni dwar liema unità jew settur ipparteċipaw f'kull missjoni, u b'hekk naqqas it-trasparenza fir-rigward tal-ispejjeż tal-missjonijiet; jistieden lill-EDPS jintroduċi din il-prattika mill-ġdid.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	6.2.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 47 –: 8 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Giuseppe Antoci, Jaume Asens Llodrà, Nikola Bartůšek, Krzysztof Brejza, Saskia Bricmont, Jaroslav Bžoch, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Branko Grims, Evin Incir, Irena Joveva, Erik Kaliňák, Marina Kaljurand, Fabienne Keller, András László, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Michael McNamara, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Petra Steger, Cecilia Strada, Georgiana Teodorescu, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Charlie Weimers, Sophie Wilmès, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Fredis Beleris, David Casa, Sigrid Friis, Markéta Gregorová, Hannah Neumann, Gaetano Pedulla', Sandro Ruotolo, Oliver Schenk, Alexander Sell, Bartłomiej Sienkiewicz, Malika Sorel, António Tânger Corrêa, Marco Tarquinio, Pekka Toveri, Loránt Vincze, Petar Volgin, Axel Voss, Michał Wawrykiewicz, Lucia Yar
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Bart Groothuis, Rima Hassan, Anja Hazekamp, Pär Holmgren, Sérgio Humberto, Evelyn Regner, Carla Tavares, Ingeborg Ter Laak

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

47	+
ECR	Georgiana Teodorescu
PPE	Magdalena Adamowicz, Fredis Beleris, Krzysztof Brejza, David Casa, Lena Düpont, Branko Grims, Sérgio Humberto, Oliver Schenk, Bartłomiej Sienkiewicz, Ingeborg Ter Laak, Pekka Toveri, Loránt Vincze, Axel Voss, Michał Wawrykiewicz, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sigrid Friis, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Bart Groothuis, Irena Joveva, Fabienne Keller, Michael McNamara, Sophie Wilmès, Lucia Yar
S&D	Evin Incir, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Evelyn Regner, Sandro Ruotolo, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Carla Tavares, Alessandro Zan
The Left	Giuseppe Antoci, Rima Hassan, Anja Hazekamp, Gaetano Pedulla'
Verts/ALE	Jaume Asens Llodrà, Saskia Bricmont, Markéta Gregorová, Pär Holmgren, Erik Marquardt, Hannah Neumann

8	-
PfE	Nikola Bartůšek, Jaroslav Bžoch, Marieke Ehlers, András László, Malika Sorel, Petra Steger, António Tânger Corrêa, Tom Vandendriessche

5	0
ECR	Charlie Weimers
ESN	Alexander Sell, Milan Uhrík, Petar Volgin
NI	Erik Kaliňák

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni